MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 731/2005

Kawza fil-lista: 19

**L-Avukat Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta' estera Ferrari S.p.a.**
**Vs**
**L-Avukat Dottor Beppe Fenech Adami u l-Prokuratur Legali Liliana Buhagiar b' digriet tas-16 ta' Settembru 2005 gew mahtura kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lil assenti AL BISARAN.CO**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur nomine ppremetta u talab hekk:

Premess illi s-socjeta' attrici, maghrufa madwar id-dinja nkluz f'Malta, hija proprjetarja ta' diversi *trademarks* famuzi konsistenti fil-kelma "FERRARI" miktuba b'mod distintiv oltre ghar-rappresentazzjoni partikolari ta' – jew

inkludenti – ziemel rampanti, liema *trademarks* jinsabu registrati f'diversi gurisdizzjonijiet inkluz f'Malta, u dan dwar artikli ta' lbies fost l-ohrajn;

Premess illi in partikolari, is-socjeta' attrici ghandha registrata f'Malta b'effett mid-19 ta' Gunju 1997 it-*trademarks* bin-numri ta' registrazzjoni 27249, 27250, 27251, u 27252;

Premess illi bil-hila u bl-invenzjoni taghha, kif ukoll b'hafna sagrificcju u promozzjoni reklamattiva da parti taghha, is-socjeta' attrici akkwizixxiet reputazzjoni u avvjament konsiderevoli kemm fuq is-suq barrani kif ukoll fuq is-suq lokali, in konnessjoni ma' t-*trademarks* taghha FERRARI (miktuba b'mod distintiv) oltre ghar-rappresentazzjoni partikolari ta' – jew inkludenti – ziemel rampanti;

Premess illi s-socjeta' attrici tinsab infurmata mill-Kontrollur tad-Dwana li waqt l-iskrutinji taht xi wahda mill-proceduri doganali msemmija fl-artiklu 4 ta' l-Att dwar Drittijiet ta' Proprjeta' Intellettwali (Mizuri Intrakonfini) (Kapitlu 414 ta' l-Edizzjoni Riveduta ta' l-Ligijiet ta' Malta), l-istess Kontrollur ta' d-Dwana kien issospenda r-rilaxx ta' l-*container* TOLU 3235171 ta' tul ta' 20 pied kontenenti fost affarijiet ohra 594 pari *jeans* u 148 *track suits* li fuqhom hemm disinni partikolari ta' – u nkludenti – ziemel rampanti, u fil-kaz tal-pari *jeans* hemm ukoll is-sinjal FERRARI, liema artikli waslu fil-*Freeport Terminal* ta' d-Dwana in transitu ghar-rilaxx eventwali favur *consignee* / importatrici ndikata fuq l-istess *bill of lading* bhala AL BISARAN.CO (b'numru tat-telefonbil-prefiss tal-Libja 00218 segwit min-numru 2091559), u *prima facie* dehru car lill-istess Kontrollur ta' d-Dwana li kienu jikkontravvjenu dritt ta' proprjeta' intellettwali;

Premess illi l-oggetti hawn qabel indikati u mizmuma taht l-awtorita' ta' l-Kontrollur ta' d-Dwana huma fil-fatt kontraffazzjonijiet ghar-raguni li fihom disinni partikolari ta' – u nkludenti – ziemel rampanti, u fil-kaz tal-pari *jeans* hemm ukoll sinjali FERRARI, li jikkontravvjenu d-drittijiet ta' proprjeta' intellettwali ta' s-socjeta' attrici;

Premess illi l-azzjonijiet ta’ l-konvenuta jiksru d-disposizzjonijiet ta’ l-artiklu 4 ta’ l-Kap. 414 hawn qabel imsemmi kif ukoll ta’ l-artiklu 10(1) u (2)(b) ta’ l-Att Dwar it-*Trademarks* (Kap. 416), u huma azzjonabbli b’applikazzjoni ta’ d-disposizzjonijiet rilevanti ta’ l-artikli 14 sa 19 ta’ l-istess Kap. 416, 2 u 8(1) ta’ l-istess Kap. 414;

Premess illi s-socjeta’ attrici ghandha kull interess li tippromwovi din l-azzjoni gudizzjarja sabiex tikkawtela u tenforza l-jeddijiet taghha;

Premess illi s-socjeta’ attrici nghatat opportunita’ sa’ t-22 ta’ Awissu 2005 sabiex tinforma lill-Kontrollur tad-Dwana li nbdew l-opportuni procedimenti civili gudizzjarji;

Tghid ghalhekk il-konvenuta ghaliex ghar-ragunijiet hawn qabel premessi m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. tiddikjara li l-oggetti konsistenti f’594 pari *jeans* u 148 *track suits* li fuqhom hemm disinni partikolari ta’ – u nkludenti – ziemel rampanti, u fil-kaz tal-pari *jeans* hemm ukoll sinjali FERRARI, liema oggetti jinsabu prezentement taht l-awtorita’ ta’ l-Kontrollur ta’ d-Dwana wara li huwa kien issospenda r-rilaxx ta’ l-*container* TOLU 3235171 kontenenti l-imsemmija artikli, jikkontravvjenu d-drittijiet ta’ proprjeta’ intellettwali ta’ s-socjeta’ attrici fir-rigward ta’ t-*trademarks* taghha bin-numri ta’ registrazzjoni 27249, 27250, 27251, u 27252 rispettivament (fil-kaz ta’ l-imsemmija 594 pari *jeans* ) u 27250, 27251, u 27252 rispettivament (fil-kaz ta’ l-imsemmija 148 *track suits* );

2. tordna lill-Kontrollur ta’ d-Dwana li jiddisponi minn tali oggetti ’l-hinn mill-kanali ta’ l-kummerc b’dak il-mod li jipprekludu xi hsara lis-socjeta’ attrici, jew tordna lill-Kontrollur ta’ d-Dwana li jiddistruggi dawk l-oggetti, f’kull kaz minghajr ebda kumpens lil u ghas-spejjez ta’ l-konvenuta;

3. tiehu jew tordna lill-Kontrollur ta’ d-Dwana li jiehu dwar dawk l-oggetti, kull mizura ohra li jkollha l-effett li effettivament iccahhad lill-konvenuta mill-beneficcji ekonomici ta’ t-transazzjoni;

4. tordna li l-konvenuta ghandha tbati l-ispejjez kollha konnessi ma’ l-mizuri ordnati ai termini ta’ t-tieni u ta’ t-tielet talbiet attrici, inkluzi dawk ta’ t-trasport ta’ l-imsemmija oggetti ghall-hazna f’Malta qabel id-distruzzjoni eventwali taghhom, ta’ l-hazna stess kif ukoll ta’ t-trasport mill-lok ta’ l-hazna sa’ l-lok ta’ l-eventwali distruzzjoni.

Bl-ispejjez kollha kontra l-konvenuta, li tibqa’ minn issa ngunta ghas-subizzjoni taghha.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-kuraturi deputati li biha eccepew illi huma ma humiex edotti mill-fatti li taw lok ghal din il-kawza u jirrizervaw illi jipprezentaw nota tal-eccezzjonijiet ulterjuri kemm il-darba huma jigu edotti mill-fatti;

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat;

Illi t-talbiet attrici huma sostnuti mid-dokumenti esebiti u mid-dikjarazzjoni guramentata ta’ l-attur nomine u l-affidavit tal-fizzjal tad-Dwana George Scerri. Il-konvenuti nomine minn naha taghhom ma ressqux provi stante li s-socjeta’ assenti ma ghamlitx kuntatt maghhom.

Illi stante li l-fatti sostnuti mill-attur nomine ma gewx kontradetti, it-talbiet attrici huma gustifikati u ghandhom jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa’ t-talbiet attrici kif dedotti, bl-ispejjez kontra l-konvenuti;

Id-drittijiet tal-kuraturi ghandhom provvizorjament jithallsu mill-attur nomine.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------